MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 51/2010

**Charles Borg (ID 212156M) u Sharon Borg (ID 3664A)**

**vs**

**Ivan Camilleri (ID 426783M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti:

Illi r-rikorrenti Charles u Sharon konjugi Borg kienu krew lill-intimat l-fond Charles Mini Market fi Triq Leli Falzon Naxxar, liema fond kien mikri taht skrittura tat-18 t'Ottubru 2002, u liema ftehim skada fis-17 t'Ottubru tas-sena 2007 (kopja hawn annessa u mmarkata IJS 1);

Illi wara tali skadenza, r-rikorrenti ippermettew lill-intimat li jibqa' jopera l-fond taht l-istess pattijiet ta' l-istess ftehim, ezkluz t-terminu tal-ftehim u bil-patt illi l-ammonti dovuti

mill-intimat jithallsu kull xahar bil-quddiem ammontanti ghal €495.96 fix-xahar ;

Illi l-intimat huwa moruz fil-hlas ta' erba' (4) skadenzi ta' tali ammonti ammontanti ghal €1983.84;

Illi ghaldaqstant, l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €1983.84;

Illi oltre dan, stante li l-istess ftehim skada, l-istess intimat qieghed jiddetjeni l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi;

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat bosta drabi, inkluz tramite l-ittra ufficjali 741/2010 tat-12 ta' Marzu 2010, sabiex ihallas l-iskadenzi dovuti u sabiex jirritorna l-fond de quo, l-istess intimat baqa' inadempjenti;

Illi l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti in kontro-trattazzjoni tat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghidu ghalhekk ir-rikorrenti ghalien ma' ghandux dan il-Bord:

1. Jiddeciedi din il-kawza bid-dispenza tas-smiegh kif provdut fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jikkundanna lill-intimat li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' €1983.84 oltre l-ammonti dovitui mill-istess intimat sakemm jizgombra mill-imsemmi fond;

3. Jawtorizza lill-istess rikorrenti li jirriprendu lura l-fond Charles Mini Market, fi Triq Leli Falzon Naxxar, u ghal dan il-ghan jipprefiggi zmien qasir u perentorju sabiex l-istess intimat jizgombra mill-istess fond;

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali kif ukoll bl-imghax kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni;

Ra illi l-intimati kienu debitament notifikati bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh u naqsu milli jidhru biex jitolbu li jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti;.

Ikkonsidra:

Illi wara l ezamina  r-rikors guramentat u semgha bil-gurament lir-rikorrenti Charles Borg jiddikjara bil-gurament illi ma kien ebda kambjament mill-prezentata tar-rikors sal-lum;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif ravvizati fir-rikors promutorju u jawtorizzahom jirriprendu l-fond de quo fi zmien xahar (1) mil-lum waqt liema zmien l-intimat ghandu jizgombra u jhallih vakanti ghal-libera ripresa mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------